REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/918

tat-13 ta' Ġunju 2022

li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett Katini ta' Valur Globali skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jħassar 10 atti ġuridiċi fil-qasam tal-istatistika tan-negozju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tipproduċi skont l-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2152, darba kull tliet snin, *data* dwar is-suġġett Katini ta' Valur Globali elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, li tkun ibbażata fuq *data* kumparabbli u armonizzata, u sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tas-suġġett Katini ta' Valur Globali mill-Istati, il-Kummissjoni trid tispeċifika l-varjabbli, l-unità ta' kejl, il-popolazzjoni statistika, il-klassifikazzjonijiet u l-diżaggregazzjonijiet, l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data*, l-ewwel perjodu ta' referenza u l-iskadenza tar-rapport ta' kwalità.

(2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-suġġett Katini ta' Valur Globali msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2152, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* għall-perjodu ta' referenza f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-rapport triennali ta' kwalità għas-suġġett tal-Katini ta' Valur Globali għandu jiġi trażmess fi żmien 24 xahar wara t-tmiem tal-aħħar sena tal-perjodu ta' referenza.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1.

ANNESS

Speċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "Katini ta' Valur Globali"

Kamp ta' applikazzjoni (Dettalji tas-suġġett Katini ta' Valur Globali)	Varjabbli
(i) Funzjonijiet tan-negozju	(1) Numru ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom
(ii) Katini ta' Valur Globali	(2) Numru ta' intrapriżi li jixtru l-merkanzija minn barra mill-pajjiż
	(3) Numru ta' intrapriżi li jfornu l-merkanzija barra mill-pajjiż
	(4) Numru ta' intrapriżi li jixtru s-servizzi minn barra
	(5) Numru ta' intrapriżi li jfornu s-servizzi barra mill-pajjiż
(iii) Akkwist internazzjonali	(6) Numru ta' intrapriżi li jwettqu akkwist internazzjonali
	(7) Numru ta' impjiegi maħluqa fl-intrapriża bħala riżultat tal-akkwist internazzjonali
	(8) Numru ta' impjiegi mitlufa (jew li ġew rilokati barra mill-pajjiż) bħala riżultat ta' akkwist internazzjonali
	(9) Numru ta' intrapriżi li jwettqu jew li jikkunsidraw li jwettqu akkwist internazzjonali:
(iv) Avvenimenti li jħallu impatt fuq l-arranġamenti tal-Katini ta' Valur Globali	(10) Għadd ta' intrapriżi attivi

Il-varjabbli (2), (3), (4) u (5) jirreferu biss għall-intrapriżi li jirrapportaw valur ogħla minn EUR 100 000 għall-inqas għal tip wieħed ta' merkanzija mixtrija jew servizzi mixtrija minn barra l-pajjiż (varjabbli (2) u (4)) jew merkanzija jew servizzi fornuti barra mill-pajjiż (varjabbli (3) u (5)), fis-sena finali tal-perjodu ta' referenza. Jenħtieġ li d-*data* ma tinġabar għal dawk l-intrapriżi li l-valur imsemmi qabel ikun inqas minn EUR 100 000 għall-varjabbli korrispondenti.

Unità tal-kejl	Valur assolut
Popolazzjoni statistika	Għall-varjabbli kollha: Il-produtturi tas-suq tat-Taqsimiet B sa N tal-NACE ma' numru ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom akbar minn jew ugwali għal 50, fl-aħħar sena tal-perjodu ta' referenza.
Diżaggregazzjoni	**Varjabbli (1): Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom:** Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt. 1. *Disaggregazzjoni skont l-attività:* — Aggregati tat-Taqsimiet tal-NACE: — Total ta' voti: B+C+D+E+F+G+H+I+J+K+L+M+N (Industrija, kostruzzjoni u servizzi tan-negozju) — B+C+D+E+F (Industrija u kostruzzjoni) — B+C+D+E+F+G+H+I+J+K+L+M+N (Servizzi tan-negozju)

2. *Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju:*

— Totali - Kwalunkwe funzjoni tan-negozju

— Funzjonijiet tal-attività ewlenija
— Funzjonijiet tal-attivitajiet ta' sostenn

— Produzzjoni tal-merkanzija

— Trasport, loġistika u ħżin

— Kummerċjalizzazzjoni, bejgħ u servizzi ta' wara l-bejgħ

— Teknoloġija tal-informazzjoni

— Maniġment u amministrazzjoni

— Inġinerija u servizzi tekniċi relatati

— Riċerka u żvilupp

— Funzjonijiet ta' attività tan-negozju ieħor

3. *Diżaggregazzjoni skont il-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom:*
Li għandha tiġi fornuta biss għal: Total ta' voti: B+C+D+E+F+G+H+I+J+K+L+M+N (Industrija, kostruzzjoni u servizzi tan-negozju), u biss għal: Total - Funzjoni ta' kwalunkwe attività tan-negozju, Funzjonijiet tal-attività ewlenija u Funzjonijiet tal-attivitajiet ta' sostenn.

— Total — 50 impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar

— Intrapriżi ta' daqs medju — 50-249 impjegat u persuni li jaħdmu għal rashom

— Intrapriżi kbar — 250 impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar

Varjabbli (2) Numru ta' intrapriżi li jixtru l-merkanzija minn barra

Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt.

1. *Disaggregazzjoni skont l-attività*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

2. *Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' merkanzija mixtrija*

— Materja prima li tintuża fil-proċess ta' produzzjoni tiegħek stess

— Komponenti li jiffurmaw parti mill-prodott tiegħek stess

— Makkinarju u apparat tekniku ieħor użat mill-kumpanija tiegħek stess

— Merkanzija ddisinjata mill-kumpanija tiegħek stess għall-bejgħ mill-ġdid fi swieq domestiċi jew barranin

	— Merkanzija ddiżinjata minn kumpanija oħra għall-bejgħ mill-ġdid fi swieq domestiċi jew barranin — Merkanzija oħra — Totali 3. *Diżaggregazzjoni skont iż-żona ġeografika* — L-Istati Membri tal-UE — Pajjiżi Ewropej li mhumiex Stati Membri tal-UE — Pajjiżi mhux Ewropej — Pajjiżi *extra* UE (pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE) — Totali **Varjabbli (3) Numru ta' intrapriżi li jfornu l-merkanzija barra mill-pajjiż:** Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-disaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt. 1. *Disaggregazzjoni skont l-attività* — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1) 2. *Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' merkanzija mixtrija* — Materja prima li tintuża mill-klijenti tiegħek barra mill-pajjiż fil-proċess ta' produzzjoni tagħhom — Komponenti li jintużaw mill-klijenti tiegħek barra mill-pajjiż bħala parti mill-prodott tagħhom — Makkinarju u apparat tekniku ieħor użat mill-klijenti tiegħek barra mill-pajjiż — Merkanzija finali ddisinjata mill-kumpanija tiegħek stess għall-bejgħ mill-ġdid — Merkanzija finali ddisinjata minn kumpanija oħra għall-bejgħ mill-ġdid — Merkanzija oħra — Totali 3. *Diżaggregazzjoni skont iż-żona ġeografika* — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (2) **Varjabbli (4) Numru ta' intrapriżi li jixtru servizzi minn barra u varjabbli (5) Numru ta' intrapriżi li jipprovdu servizzi barra mill-pajjiż:** Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt.

1. *Diżaggregazzjoni skont l-attività*
   — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

2. *Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' servizzi*
   — Trasport, loġistika u ħżin
   — Kummerċjalizzazzjoni, bejgħ u servizzi ta' wara l-bejgħ
   — Servizzi teknoloġiċi tal-informatika.
   — Maniġment u amministrazzjoni
   — Inġinerija u servizzi tekniċi relatati
   — Riċerka u żvilupp
   — Tipi oħra ta' servizzi
   — Totali

3. *Diżaggregazzjoni skont iż-żona ġeografika*
   — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (2)

Varjabbli (6) Numru ta' intrapriżi li jwettqu akkwist internazzjonali:

A. Diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs:

Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt.

1. *Disaggregazzjoni skont l-attività*
   — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

Trid tiġi pprovduta għal-klassi tad-daqs totali biss (Total - 50 impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar):
— it-taqsimiet tan-NACE: B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N

2. *Disaggregazzjoni skont il-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom*
   — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

B. Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju u t-tip ta' sieħeb tan-negozju:

Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt.

1. *Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

2. *Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' sieħeb tan-negozju*

— Total — Kwalunkwe sieħeb tan-negozju

— Esternalizzazzjoni — sieħeb tan-negozju barra mill-grupp ta' intrapriżi proprji

— Internalizzazzjoni — sieħeb tan-negozju fil-grupp ta' intrapriżi proprji

C. Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju u ż-żona ġeografika:

Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt.

1. *Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

2. *Diżaggregazzjoni skont iż-żona ġeografika*

— L-Istati Membri tal-UE

— Pajjiżi *extra* UE (pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE)

— Ir-Renju Unit

— Pajjiżi Ewropej li mhumiex Stati Membri tal-UE

— Iċ-Ċina

— L-Indja

— Pajjiżi Asjatiċi oħra u l-Oċeanja

— Il-USA u l-Kanada

— L-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel

— L-Afrika

— Totali

Varjabbli (7) Numru ta' impjiegi maħluqa fl-intrapriża bħala riżultat tal-akkwist internazzjonali:

A. *Diżaggregazzjoni skont l-attività*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

B. *Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

C. *Diżaggregazzjoni skont l-istatus ta' impjieg bi kwalifiki għoljin*

— Totali

— Impjiegi bi kwalifiki għoljin

— Impjiegi mingħajr kwalifiki għoljin

Varjabbli (8) Numru ta' impjiegi mitlufa (jew li ġew rilokati barra mill-pajjiż) bħala riżultat ta' akkwist internazzjonali:

A. *Diżaggregazzjoni skont l-attività*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

B. *Diżaggregazzjoni skont il-funzjoni tan-negozju*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (1)

C. *Diżaggregazzjoni skont l-istatus ta' impjieg bi kwalifiki għoljin*

— L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (7)

Varjabbli (9) Numru ta' intrapriżi li jwettqu jew li jikkunsidraw li jwettqu akkwist internazzjonali:

A. Diżaggregazzjoni skont il-motivazzjoni għal akkwist internazzjonali u l-fatturi ta' importanza:

Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt.

1. *Diżaggregazzjoni skont il-motivazzjoni għal akkwist internazzjonali*

— Tnaqqis tal-kosti lavorattivi

— Tnaqqis ta' korsi għajr kosti lavorattivi

— Aċċess għal swieq ġodda

— Nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati fil-pajjiż residenti

— Aċċess għal għarfien/teknoloġiji speċjalizzati

— Kwalità mtejba jew introduzzjoni ta' prodotti ġodda

— Konċentrazzjoni fuq l-attività ewlenija

	— Ħinijiet ta' konsenja ridotti — Deċiżjonijiet strateġiċi meħuda mill-kap tal-grupp — Regolamenti favorevoli barra l-pajjiż li taffettwa l-intrapriża, p.eż. inqas regolamenti ambjentali, sistema tat-taxxa favorevoli — Fatturi li jqisu l-avvenimenti reċenti u fatturi topiċi oħra (massimu ta' tliet punti). 2. *Diżaggregazzjoni skont l-importanza tal-fatturi* — Importanti ħafna — Importanti sa ċertu punt — Mhux importanti — Mhux applikabbli/Ma nafx B. Diżaggregazzjoni skont l-ostakli għal akkwist internazzjonali u l-fatturi ta' importanza: Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt. 1. *Diżaggregazzjoni skont l-ostakli għal akkwist internazzjonali* — Ostakli legali jew amministrattivi — Kwistjonijiet ta' tassazzjoni — Tariffi u ostakli għall-kummerċ — Aċċess għal finanzjament jew restrizzjonijiet finanzjarji oħra — Ostakli lingwistiċi jew kulturali — Prossimità ma' klijenti eżistenti fi [pajjiż residenti] meħtieġa — Diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' fornituri potenzjali/xierqa barra mill-pajjiż — Inċertezza rigward il-kwalità tal-prodotti/is-servizzi li għandhom jiġu fornuti barra mill-pajjiż — Nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati barra mill-pajjiż — Tħassib tal-impjegati (inklużi t-trade unions) — Tħassib ġenerali li l-operat ta' akkwist jeċċedi l-benefiċċji mistennija — Ostakli u fatturi li jqisu l-avvenimenti reċenti u ostakli u fatturi topiċi oħra (massimu ta' tliet punti). 2. *Diżaggregazzjoni skont l-importanza tal-fatturi* — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (9), diżaggregazzjoni (A)

	Varjabbli (10) Numru ta' intrapriżi attivi: Id-*data* trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt. 1. *Diżaggregazzjoni skont l-avvenimenti jew il-kwistjonijiet b'impatt fuq l-arranġamenti għall-Katini ta' valur globali għall-intrapriża:* — Avvenimenti jew kwistjonijiet topiċi li jaffettwaw l-akkwist ta' merkanzija jew l-aċċess għas-servizzi — Avvenimenti jew kwistjonijiet topiċi li jaffettwaw il-moviment ta' merkanzija u ta' persunal barra mill-pajjiż — Avvenimenti jew kwistjonijiet topiċi li jaffettwaw l-akkwist internazzjonali u l-attivitajiet riinternalizzati — Avvenimenti jew kwistjonijiet topiċi oħra li jaffettwaw l-arranġamenti għall-katini ta' valur globali Din id-diżaggregazzjoni tiffoka fuq avvenimenti jew kwistjonijiet topiċi li potenzjalment jimpattaw l-arranġamenti għall-katini ta' valur globali, u ma jistax ikun fiha aktar minn 15-il punt. 2. *Diżaggregazzjoni skont l-importanza tal-fatturi* — L-istess bħal fil-każ tal-varjabbli (9), diżaggregazzjoni (A)
Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data*	T + 21 xahar
L-ewwel perjodu ta' referenza	2021-2023
Simplifikazzjonijiet u speċifikazzjonijiet oħra	*Regola ta' 1 %* r-regola tal-1 % tista' tiġi applikata. Mhux neċessarju li jiġu kkompilati varjabbli skont dan l-att ta' implimentazzjoni jekk il-kontribuzzjoni tal-Istat Membru għan-*numru ta' intrapriżi b'50 impjegati jew ħaddiema għal rashom jew aktar, fil-livell tan-NACE aggregat B-N*, għall-aktar sena ta' referenza riċenti li għaliha d-*data* tkun disponibbli skont T-18, tkun inqas minn 1 % tat-total tal-UE. *Ġbir tad-data* Id-*data* tal-intrapriżi li ġejja għandha tinġabar jew tinkiseb minn reġistri jew sorsi oħra ta' *data* statistika jew amministrattiva: — attività ekonomika ewlenija tal-intrapriża, fi tmiem l-aħħar sena tal-perjodu ta' referenza, is-sena T, — l-għadd ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom, fl-aħħar sena tal-perjodu ta' referenza, is-sena T, kif ukoll — informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fi grupp ta' intrapriżi. *Data* oħra (bħall-funzjoni tal-attività ewlenija tal-intrapriża) tista' tinġabar jew tinkiseb minn reġistri jew sorsi ta' *data* statistika jew amministrattiva oħra, minflok permezz ta' servej. Definizzjonijiet ta' varjabbli oħra, diżaggregazzjonijiet, kif ukoll rakkomandazzjonijiet metodoloġiċi se jiġu pprovduti fil-manwal tal-kompilaturi tal-Katini ta' Valur Globali. Il-Eurostat se jippubblika l-ewwel edizzjoni tal-manwal tal-kompilaturi tal-Katini ta' Valur Globali sa Ġunju 2023.